MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tat-8 ta' April, 2011

Numru. 513/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs.**

**David Bajada**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra David Bajada, ta' 20 sena, iben Adrian u Maryrose nee Pace, imwieled Pieta nhar is-27 ta' Frar 1989, residenti Violette, Flt3, Triq l-Imghazel, Naxxar, detentur tal-karta ta' l-Identita numru 137789(M)..

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-2 t'Ottubru 2009 u fit-12-il xahar ta' qabel din id-data:

a) assocja ruhu ma xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jittraffika medicina (il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha) f'dawn il-Gzejjer kontra id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-ligijiet ta' Malta, jew li ippromovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja assocjazzjoni;

b) ikkoltiva l-pjanta Cannabis bi ksur tal-artikolu 8(c) ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) biegh jew xort'ohra ttraffika fil-pjanta Cannabis, kollha jew bicca minnha, bi ksur tal-artikolu 8(e) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) ipproduca, biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-artikolu 8(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis, kollha jew bicca minnha, bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

f) kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-razi bi ksur ta' l-artikolu 8(a) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

(g) kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma

kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer fit-2 t'Ottubru 2009 u fl-erba' snin ta' qabel din id-data:

h) kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

F'kaz ta' htija il-Qorti hija ukoll mitluba sabiex tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u il-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;
Wara li rat illi fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2010, l-imputat irregistra ammissjoni ta' l-imputazzjonijiet addebitati, pero irriserva dik dwar l-assocjazzjoni.

Wara li rat il-provi prodotti u rat in-noti ta' sottomissjonijiet taz-zewg partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta’ l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, hlief ghall-imputazzjoni (a) dwar l-assocjazzjoni.

Illi jidher li f’dan l-istadju, lanqas il-prosekuzzjoni m’ghadha tinsisti li tinstab htija ghal din l-imputazzjoni dwar l-assocjazzjoni, stante li fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu, l-ufficjal prosekutur issottometta illi *“l-istess htija tohrog kemm mill-ammissjoni ta’ l-imputat stess w mill-assjem tal-provi kollha prezentati fil-kawza salv dwar l-akkuza ta’ assocjazzjoni.”* Pero billi din l-imputazzjoni ma gietx ufficjalment irtirata mill-ufficjal prosekutur, din il-Qorti ikollha tikkunsidraha u tiddecidiha.

Mill-provi, mhux kontestati, il-fatti saljenti fil-qosor huma dawn:

1. Fit-2 t’Ottubru 2009, il-pulizija arrestat lil Andre Falzon u Sean Farrugia in konnessjoni ma’ blokka haxixa ippressata.
2. Andre Falzon ikkopera mal-pulizija u accetta li jaghmel konsenja kontrollata. Din il-konsenja saret fl-istess gurnata tat-2 t’Ottubru 2009.
3. Permezz ta’ din il-konsenja kontrollata, gie identifikat l-imputat, u l-pulizija ghamlu tfittxija fir-residenza tieghu, fejn instabu diversi bicciet imqatta’ ta’ raza tal-cannabis kif ukoll numru ta’ pjanti zghar tal-pjanta cannabis u numru t’apparat uzat ghat-tkabbir tal-pjanti tal-cannabis.
4. L-imputat gie arrestat u wara li inghata is-solitu twissija, irrilaxxa stqarrija, li sussegwentement ikkonferma bil-gurament.

## L-Imputazzjoni (a) dwar ir-Reat ta’ l-Assocjazzjoni

L-Artikolu 22(1A) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta jippreskrivi illi: *“L-assocjazzjoni ta’ persuni msemmija fil-paragrafi (d) u (f) tas-subartikolu precedenti tezisti malli jigu kkumbinati jew miftehma l-mezzi, ikunu li jkunu, li bihom daqk il-persuni ghandhom jimxu.”*

Dan is-subartikolu gie interpretat fil-kawza fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Steven John Caddick et**, deciza fis-6 ta' Marzu 2003, fejn il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (sede Superjuri) irriteniet hekk:

*"This Court believes that the position at law was in fact misstated by the First Court, as although it is true that for the crime of consipiracy to subsist it does not have to be proved that the agreement was put into practice, the converse is not true, that is that evidence of dealing does not necessarily point to a conspiracy;*

*Under our law the substantive crime of conspiracy to deal in a dangerous drug exists and is completed "from the moment in which any mode of action whatsoever is planned or agreed upon between" two or more persons (section 22(1A) Chapter 101). Mere intention is not enough. It is neccessary that the persons taking part in the conspiracy should have devised and agreed upon the means, whatever they are, for acting, and it is not required that they or any of them should have gone on to commit any further acts towards carrying out the common design. If instead of the mere agreement to deal and agreement as to the mode of action there is a commencement of the execution of the crime intended, or such crime has been accomplished, the person or persons concerned may be charged both with conspiracy* ***and*** *the attepted or consummated offence of dealing with the conspirators becoming (for the purpose of the attempted or consummated offence) co-principles or accomplices. Even so, however, evidence of dealing is not necessarily going to show that there was (previously) a conspiracy, and this for a very simple reason namely that two or more persons may contemporaneously decide to deal in drugs without there being between them any previous agreement."*

Fil-kaz odjern ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet – anzi dawn huwa ammess mill-imputat stess - li huwa bejgh u ittraffika l-pjanta u r-raza tal-cannabis. Pero dan ma jfissirx necessarjament, li dan il-bejgh jew traffikar gie

precedut bi ftehim ta' assocjazzjoni kif definit fil-ligi. Mill-istqarrija guramentata ta' l-imputat, jirrizulta li huwa kien ibiegh jew jaghti b'xejn ir-rasa tal-cannabis jew il-haxixa lil madwar sitt persuni li huma hbieb tieghu sabiex izommhom jibqghu jigu ghandu, peress li huwa kien ihossu wahdu. Dak iz-zmien l-imputat kien jghix wahdu go *penthouse*. Dan il-fatt mhux kontradett mill-provi, lanqas mill-istqarrijiet guramentati ta' Andre Falzon u Sean Farrugia. Mill-provi prodotti ma jirrizultax li qabel beda jittraffika, l-imputat kien dahal fi ftehim ma' xi terza persuna dwar il-mod kif kellu jittraffika l-cannabis.

Ghalhekk mill-provi prodotti ma jirrizultawx l-elementi tar-reat ta' assocjazzjoni, u konsegwentement l-imputat ghandu jigi liberat minn din l-akkuza.

**Il-Piena**

Il-Qorti tixtieq taghmilha cara li hi tqis it-traffikar ta' drogi bhala reat serjissimu, u ma huwa ebda attenwant il-fatt li dan isir minn *drug addict* biex izomm cirku ta' nies, xi sitta (6), jigu ghandu bhala hbieb, ghax kien qed ibati minn solitudni. Mhux kontestat li l-hati kellu fil-pussess tieghu pakkett tal-haxixa ta' 684 grammi,[1] ghalkemm dan insteraqlu minn Andre Falzon u Sean Farrugia. Fit-tfittxija li saret fil-penthouse fejn kien qed joqghod instabet is-sustanza cannabis fl-ammont ta' 118.35 grammi u numru ta' pjanti tal-cannabis li 70% minnhom kienu germinabli,[2] liema pjanti kien qed ikabbarhom il-hati stess. Dan certament huwa ammont konsiderevoli. In oltre, mill-istqarrija ta' l-imputat jirrizulta li huwa kien ilu jittraffika il-cannabis grass jew resin madwar disa' (9) xhur jew sena. Min isofri mill-problema tad-droga u/jew ghandu problemi familjari ghandu jipprova jikkura ruhu u jfittex l-ghajnuna biex isolvi l-problemi familjari, u mhux jittraffika d-droga sabiex izomm cirku ta' hbieb, anki jekk dan jaghmlu bla hlas.. Il-vizzju u l-problemi ta' dak li jkun ma jintitolahx

[1] Ara Dok GS1 a fol. 49 tal-process.
[2] Ara Dok GS a fol. 50 tal-process.

jaghmel hsara lil haddiehor, u possibilment jirvina anke zghazagh ohra.

Fil-kaz odjern, il-Qorti ma tistax tikkonsidra l-ammissjoni tal-hati bhala wahda partikolarment bikrija, stante li l-kawza inbdiet fl-4 ta' Ottubru 2009, u l-ammissjoni saret fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2010, wara diversi seduti li fihom instemghu diversi xhieda tal-prosekuzzjoni, u ghalhekk, il-Qorti ma tistax tikkoncedilu d-*"discount"* kollu li altrimenti kienet tikkoncedilu, propju ghax xorta wahda hela iz-zmien tal-Qorti.

Ghall-fini tal-piena, l-imputazzjoni (e) hija assorbita fl-imputazzjoni (c) u l-imputazzjoni (f) hija assorbita fl-imputazzjoni (d) ai termini ta' l-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9, stante li servew bhala mezz ghall-fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat ta' traffikar u bejgh tal-pjanta utar-raza tal-cannabis. Fl-opinjoni tal-Qorti, oggettivament ghall-imputazzjonijiet (b), (c) u (d), cioe ikkoltivar tal-pjanta cannabis, u traffikar tal-pjanta u r-raza tal-cannabis, l-imputat haqqu piena karcerarja effettiva ta' erba' snin – apparti l-piena tal-multa. Rigward l-imputazzjonijiet (g) u (h), cioe pussess semplici tad-drogi kokajina u ecstasy, l-imputat haqqu piena tal-multa. Pero il-Qorti tqis li ghandu jkun hemm temperament f'dawn il-pieni ghas-segwenti ragunijiet.

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni, il-fatt li l-hati ikkopera mal-pulizija - ghalkemm hawn irid jinghad ukoll li mill-provi jirrizulta li huwa inqabad *red-handed* - u li l-unici reati li jirrizultaw mill-fedina penali aggornata tieghu huwa dak ta' pussess semplici tad-droga cannabis u li saq vettura minghajr licenzja tas-sewqan.

Ghall-fini tal-piena il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni d-dikjarazzjoni ta' l-ufficjal prosekutur fis-seduta tat-29 ta' Novembru 2010, fejn xehed li l-hati ghandu jibbenefika minn mitigazzjoni fil-piena a tenur ta' l-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 u l-Qorti tifhem ukoll li allura kellu jibbenifika minn tnaqqis fil-piena taht l-Artikolu 120A(2B) tal-Kapitolu 31, ghax mill-informazzjoni li ta lill-pulizija, tressqu zewg persuni ohra l-Qorti u l-hati huwa xhud importanti tal-

prosekuzzjoni kontra dawn iz-zewg persuni. Fic-cirkostanzi, il-Qorti se tghatih il-massimu tal-beneficcju u cioe tnaqqis ta' zewg gradi mill-piena karcerarja.

Huwa vera li jidher li l-hati issa qabad it-triq it-tajba u prezentement qieghed jaghmel programm residenzjali fi hdan l-Agenzija Sedqa u jidher li sejjer tajjeb.[3] Pero kif osservat tajjeb il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Cutajar** deciza fid-29 ta' Ottubru 2009 *"... ... (H)uwa minnu li hafna minn dawn il-kawzi qed jiehdu zmien konsiderevoli biex jigu decizi w fil-frattemp jista' jigri li l-hati jkun hareg mill-vizzju tad-droga, pero f'dawn il-kawzi mhux il-vizzju tad-droga ikun qed jigi punit, imma r-reat ta' spaccar ta' droga lil terzi bil-konsegwenzi serjissimi li dan ovvjament ikun gab mieghu. Hu dwar dan ir-reat li l-appellant ikun irid jaghmel il-kontijiet mas-socjeta."*

Fis-sentenza **Pulizija v. Charles Muscat**, deciza fid-9 ta' Mejju 2002, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali irriteniet: *"Illi din il-Qorti specjalment f'kazijiet bhal dawn relatati ma pprokurar u traffikar ta' droga trid tibbilancja ukoll l-interess ta' l-appellant u tar-riforma tieghu bhala cittadin mal-aspett punittiv u ta' deterrent ghalih u ghall-persuni ohra li imbarkaw jew behsiebhom jimbarkaw fuq attivita tant nociva ghas-socjeta bhala ma hu l-ispacc jew l-ipprokurar ta' droga, partikolarment fost persuni ta' eta tenera, fenomenu dan li ta' kulljum u kull ma jmur qed johloq pjaga fis-socjeta u bir-ragun jikkreja allarm socjali li jesigi li min jinstab hati ta' eghmil simili jahsad dak li jkun zergha f'termini ta' piena."*

Fuq l-istess binarju hija s-sentenza **Pulizija v. Mark Mifsud** deciza fis-6 ta' Dicembru 2002, fejn il-Qorti ta' l-Appell Kriminali osservat hekk: *"Huwa veru li wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi personali tal-hati (inkluz xi progress seta' ghamel minn mindu tressaq il-qorti) b'mod li ma jinjorax ghal kollox ir-riabilitazzjoni, jew riabilitazzjoni potenzjali tieghu, pero meta si tratta ta' reati serji bhalma huma traffikar ta' droga, l-element tad-*

[3] Ara xhieda ta' Vicky Scicluna a fol. 121 tal-process.

*deterrent u tal-gustizzja mas-socjeta ghandu jipprevali fuq konsiderazzjonijiet ta' riabilitazzjoni. L-unika koncessjoni li din il-Qorti hi lesta li taghti lill-appellant hi tnaqqis ta' sena biex tirrifletti dik is-sena li huwa ghamel fil-programm residenzjali."* Ghall-istess raguni, ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni il-hames xhur li l-hati ghamel s'issa fil-programm residenzjali.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 8(b), 8(c), 8(d) it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22(1)(d), 22(1)(f), 22(1A), 22 (2) (b) (i) u (ii) u 29 tal-Kapitolu 101, r-Regolamenti 3, 4 u 9 tal-GN 292/1939, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii), 120A(2B) u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31, u ir-regolament 3(1) ta' l-Avviz Legali 22/1985; u l-Artikoli 17(b) 17(f) u 17(h) tal-Kapitolu 9, fil-waqt li issib lill-imputat mhux hati ta' l-imputazzjoni (a) migjuba kontrih u tilliberah minnha, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu, tikkundannah ghal sena (1) prigunerija effettiva, kif ukoll tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' elf u hames mitt Euro (€1,500.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarcja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghall-dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika ma' l-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, skond l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna id-distruzzjoni tad-droga ezebita taht is-supervizjoni tar-Registratur.

Fl-ahharnett, il-Qorti tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin li minhabba l-problema li ghandu l-hati ta' abbuz ta' droga, jehtieg li jinghata l-kura kollha mehtiega, u jekk hu possibbli ikompli l-programm ta' riabilitazzjoni li diga beda, minhabba tali problema.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------